



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.5.2020
COM(2020) 442 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U
SOĊJALI EWROPEW, U LIL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Il-baġit tal-UE jmexxi l-pjan ta' rkupru għall-Ewropa

IL-BAĠIT TAL-UE JMEXXI L-PJAN TA' RKUPRU GĦALL-EWROPA

1. Baġit tal-UE ambizzjuż u innovattiv għall-irkupru Ewropew

Il-Kummissjoni ppreżentat pjan determinat u komprensiv għall-irkupru Ewropew¹. Il-pjan huwa msejjes fuq is-solidarjetà u l-ġustizzja, u għandu l-għerq tiegħu fil-prinċipji u l-valuri kondiviżi tal-Unjoni. Il-pjan jistipula kif l-ekonomija Ewropeja għandha titqajjem, kif tingħata spinta lit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, u kif tista' ssir aktar ġusta, aktar reżiljenti u aktar sostenibbli għall-ġenerazzjonijiet futuri.

Il-pandemija tal-COVID-19 affettwat kull rokna tal-Unjoni u tad-dinja. Madankollu, l-impatti ekonomiċi u soċjali tal-pandemija jvarjaw konsiderevolment bejn l-Istati Membri, kif tvarja wkoll il-kapaċità tagħhom li jassorbu l-iskoss u jirrispondu għalih. Dan jhedded li jinħolqu diverġenzi dannużi bejn l-ekonomiji tal-Istati Membri u jitfa' pressjoni qawwija fuq is-suq uniku. L-Ewropa teħtieġ rispons koordinat li jsir malajr, li jkun ambizzjuż u li jkun immirat fejn l-iktar li huwa meħtieġ.

L-implimentazzjoni tal-pjan ta' rkupru se tkun teħtieġ investiment pubbliku u privat massiv. Hija meħtieġa azzjoni b'saħħitha biex tindirizza dawn il-ħtiġijiet biex tingħalaq id-diskrepanza fl-investiment pubbliku u privat ta' mill-inqas EUR 1,5 triljun, biex tisewwa l-ħsara immedjata ekonomika u soċjali kkawżata mill-pandemija, u biex l-Unjoni taqbad sew it-triq lejn irkupru sostenibbli u reżiljenti².

Il-Kummissjoni qed tipproponi li jiġi **sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-baġit tal-Unjoni biex jiġi mmobilizzat l-investiment u jsir appoġġ finanzjarju minn qabel fl-ewwel snin kruċjali tal-irkupru**. Dawn il-proposti huma bbażati fuq:

- **Strument Ewropew għall-Irkupru ta' emerġenza ("Next Generation EU")** li jammonta għal EUR 750 biljun³. Dan se jagħti spinta temporanja lill-baġit tal-UE b'finanzjament ġdid miġbur fis-swieq finanzjarji. Il-fondi miġbura se jiġu mgħoddija minn programmi tal-UE biex jirfdu l-miżuri immedjati meħtieġa għall-ħarsien tal-ġhajxien tan-nies, biex l-ekonomija titreġġa' lura fuq saqajha, u biex jitrawwem tkabbir sostenibbli u reżiljenti.
- **qafas finanzjarju pluriennali msaħħaħ għall-2021 – 2027**. Il-Kummissjoni qed tipproponi li toħloq għodod ġodda u ssaħħaħ programmi ewlenin billi tuża Next Generation EU biex tgħaddi l-investiment malajr fejn hu l-aktar meħtieġ, issaħħaħ is-suq uniku, iżżid il-kooperazzjoni f'oqsma bħas-saħħa u u l-ġestjoni tal-kriżijiet, u tattrezza l-Unjoni b'baġit fit-tul biex jixpruna t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u tinbena ekonomija aktar ġusta u reżiljenti.

Flimkien mat-tlett ixbieki ta' sikurezza importanti għall-ħaddiema, in-negozji u s-sovrani approvati mill-Kunsill Ewropew fit-23 ta' April u li ammontaw għal pakkett b'valur ta' EUR 540 biljun, dawn il-miżuri eċċezzjonali meħudin fil-livell tal-UE se jilhqqu EUR 1 290 biljun ta' appoġġ immirat u fornut minn qabel għall-appoġġ għall-

¹ COM(2020) 456.

² SWD(2020) 98.

³ Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor, l-ammonti huma espressi fi prezzijiet kostanti tal-2018.

irkupru Ewropew⁴. Meta jiġu applikati estimi konservattivi tal-effett ta' ingranaġġ tal-qafas finanzjarju pluriennali u ta' Next Generation EU, l-investment totali li jista' jiġi ġġenerat minn dan il-pakkett ta' miżuri jammonta għal EUR 3,1 triljun.

Dawn il-miżuri jagħtu risposta deċiżiva għall-appelli tal-Parlament Ewropew għal “*pakkett massiv ta' rkupru u rikostruzzjoni għal investment li jappoġġa l-ekonomija Ewropea wara l-kriżi, [...] li jiddaħħal fil-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) l-ġdid*”⁵ u tal-Mexxejja għal fond ta' rkupru “*kbir biżżejjed, immirat lejn is-setturi u l-partijiet ġeografiċi tal-Ewropa l-aktar milquta, u ddedikat lejn l-indirizzar ta' din il-kriżi bla preċedent*”⁶.

Dan il-fehim kondiviż jipprovdi l-bażi għal ftehim rapidu u komprensiv bejn l-istituzzjonijiet. Il-Kummissjoni tappella għal kooperazzjoni mill-qrib ħafna bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-elementi kollha ta' dan il-pjan ta' rkupru u tistedinhom biex ta' kull sena jagħmlu rieżami tal-infiq iffinanzjat bi dħul assenjat estern permezz ta' Next Generation EU. Il-prinċipji ta' tali rieżami jistgħu jiġu stipulati f'dikjarazzjoni interistituzzjonali. Ftehim rapidu dwar il-Ġenerazzjoni li jmiss tal-UE u baġit fit-tul ambizzjuż ikunu dikjarazzjoni qawwija ta' solidarjetà u determinazzjoni Ewropej fi żmien li fih hemm wisq x'nistgħu nitilfu.

Baġit għall-irkupru u r-reżiljenza Ewropej

SURE / Appoġġ MES fil-Kriżi Pandemika / Fond ta' Garanzija għall-Ħaddiema u n-Negożji	EUR 540 biljun
Next Generation EU	Rinfurzar temporanju EUR 750 biljun
Qafas Pluriennali Finanzjarju	EUR 1100 biljun

Il-baġit fit-tul tal-UE, bi spinta minn Next Generation EU, qiegħed f'pożizzjoni unika biex imexxi l-irkupru Ewropew. Il-baġit tal-UE jipprovdi qafas trasparenti u fdat għall-programm ta' investment massiv li għandna quddiemna, ankrat fil-metodu Komunitarju tal-governanza u t-teħid ta' deċiżjonijiet. Il-baġit tal-UE huwa mutur ippruvat tal-investment, il-koeżjoni u s-solidarjetà, u jsaħħaħ is-suq uniku tal-Ewropa.

⁴ Fuq il-bażi ta' suppożizzjoni konservattiva dwar il-multiplikaturi mistennija u r-riżultati miksuba minn strumenti kumparabbli. Madankollu, l-akkuratezza tal-multiplikaturi mistennija tista' tiġi affettwata mill-volatilità tas-sitwazzjoni ekonomika attwali.

⁵ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' April 2020 dwar azzjoni koordinata tal-UE biex tikkumbatti l-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi tagħha, riaffermata mir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Mejju 2020 dwar il-qafas finanzjarju pluriennali l-ġdid, ir-riżorsi proprji u l-pjan ta' rkupru.

⁶ Konklużjonijiet tal-President tal-Kunsill Ewropew wara l-vidjokonferenza tal-Membri tal-Kunsill Ewropew, 23 ta' April 2020.

Fl-aħħar ġimgħat, il-Kummissjoni użat il-flessibbiltà kollha li kien għad fadal fil-baġit attwali tal-UE biex kull euro li kien hemm disponibbli jingħadda biex jiġu salvati l-ħajjiet u jiġi mħares l-għajxien tan-nies. Il-miżuri wrew is-saħħa li għandu l-baġit tal-UE biex jipprovdi appoġġ sostanzjali u fil-ħin lill-Istati Membri fi kriżi. Il-miżuri eżawrew ukoll il-flessibbiltà kollha li kien għad fadal fil-baġit attwali tal-UE, li enfazzat il-ħtieġa urġenti li jiġu introdotti miżuri ġodda biex imexxu l-fażijiet kruċjali li jmiss tal-irkupru.


Il-bażijiet fundamentali tal-proposti tal-Kummissjoni għal baġit fit-tul modern u flessibbli adattat strettament għall-prijoritajiet tal-Unjoni għadhom validi llum. Il-Kummissjoni issa qed tipproponi li dawn il-proposti jiġu adattati u msaħħin biex imexxu l-irkupru tal-Ewropa. Billi nibnu fuq il-progress konsiderevoli li diġà sar fil-Parlament Ewropew u fil-Kunsill se noħolqu l-aħjar kundizzjonijiet possibbli għal ftehim f'waqtu.

It-tranżizzjonijiet tewmin lejn Ewropa ekoloġika u diġitali għadhom l-isfidi li jiddefinixxu din il-ġenerazzjoni. Dan huwa rifless fil-proposti tal-Kummissjoni. L-investment f' mewġa ta' rinnovazzjoni fuq skala kbira, fl-enerġija rinnovabbli u f'soluzzjonijiet tal-idroġenu nadif, fit-trasport nadif, fl-ikel sostenibbli u f'ekonomija ċirkolari intelliġenti għandu potenzjal enormi biex l-ekonomija tal-Ewropa tibda tikber. Jenħtieġ li l-appoġġ ikun konsistenti mal-oġettivi klimatiċi u ambjentali tal-Unjoni. L-investment fl-infrastruttura u l-ħiliet diġitali se jgħin biex tingħata spinta lill-kompetittività u lis-sovranità teknoloġika. L-investment fir-reżiljenza għal sfidi futuri għas-saħħa u fl-awtonomija strateġika se jgħinu biex l-Unjoni tkun imħejjija aħjar għal kriżijiet futuri.

Next Generation EU se jagħti lill-baġit tal-UE l-qawwa addizzjonali neċessarja biex jirrispondi b'mod deċiżiv għall-aktar sfidi urġenti. Dan se jkun strument ta' emerġenza ta' darba, implimentat għal perjodu temporanju u użat biss għal miżuri ta' rispons u rkupru fil-każ ta' kriżi. Il-fondi se jingħaddew mill-baġit tal-UE lill-Istati Membri biex jappoġġaw il-prijoritajiet ta' investment u riforma, u se jintużaw biex isaħħu programmi finanzjarji essenzjali għall-irkupru, bid-data ta' tmiem tal-31 ta' Diċembru 2024. Il-ġbir ta' finanzjament fis-swieq finanzjarji se jgħin biex il-kostijiet finanzjarji jinfirxu maż-żmien, sabiex b'hekk l-Istati Membri ma jkollhomx għalfejn jagħmlu kontribuzzjonijiet addizzjonali sinifikanti għall-baġit tal-UE fil-perjodu 2021–2027. Il-Kummissjoni se tipproponi wkoll riżorsi proprji ġodda li jistgħu jgħinu biex jiffinanzjaw ir-ripagament tal-finanzjament mis-suq li jinġabar taħt Next Generation EU.

It-tnejja ta' Next Generation EU malajr se tkun vitali biex tinqaleb il-folja tal-kriżi ekonomika. Barra minn hekk, sabiex il-fondi jsiru disponibbli malajr kemm jista' jkun biex jirrispondu għall-aktar ħtiġijiet urġenti, il-Kummissjoni tipproponi li temenda l-qafas finanzjarju pluriennali attwali 2014-2020 biex tagħmel EUR 11,5 biljun f'finanzjament disponibbli mill-2020 stess. Dan il-finanzjament addizzjonali jsir disponibbli għal REACT-EU, l-Istrument ta' Appoġġ għas-Solvenza u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli, li jirrifletti l-urġenza ta' dawn il-ħtiġijiet.

Il-Baġit tal-UE jmexxi l-irkupru



2. Kif se jintuża Next Generation EU?

Kull programm u kull euro f'dan il-pakkett se jintużaw biex jindirizzaw l-aktar ħtiġijiet ta' rkupru kruċjali, kif identifikat fil-valutazzjoni tal-ħtiġijiet tal-Kummissjoni. Dawn il-proposti jiffukaw fuq fejn il-baġit tal-UE jista' jagħmel l-akbar differenza, billi jikkomplementaw u jamplifikaw ix-xogħol essenzjali li għaddej fl-Istati Membri.

Il-pakkett huwa mibni fuq tliet pilastri: għodod biex jappoġġaw l-isforzi tal-Istati Membri biex jirkupraw, isewwu u joħorġu aktar b'saħħithom mill-kriżi; miżuri biex jagħtu spinta lill-investiment privat u għall-appoġġ ta' kumpaniji f'diffikultà; u t-tisħiħ tal-programmi ewlenin tal-UE biex jittieħdu t-tagħlimiet mill-kriżi u s-suq uniku jsir aktar b'saħħtu u reżiljenti.

1) Nappoġġaw lill-Istati Membri biex jirkupraw, isewwu, u joħorġu aktar b'saħħithom mill-kriżi

*L-investiment pubbliku għandu rwol vitali x'jaqdi fi rkupru bilanċjat u sostenibbli. Il-biċċa l-kbira tal-finanzjament minn Next Generation EU (aktar minn 80 %) għaldaqstant se jintuża biex jappoġġa l-investiment u r-riformi fl-Istati Membri, ikkonċentrati fejn il-kriżi kellha l-akbar impatt u fejn hemm l-akbar ħtiġijiet marbutin mar-reżiljenza. L-istrument ewleni ta' rkupru se jkun **Faċilità ġdida għall-Irkupru u r-Reżiljenza**, imfassla speċifikament biex tiffinanzja investiment u riformi allinjati mal-prijoritajiet Ewropej. Il-politika ta' koeżjoni se taqdi r-rwol essenzjali tagħha biex tappoġġa rkupru bbilanċjat u sostenibbli permezz ta' **inizjattiva ġdida REACT-EU** biex tindirizza l-aktar ħtiġijiet ekonomiċi u soċjali urġenti u aġġustamenti għal **programmi ta' koeżjoni futuri** biex isiru aktar flessibbli u allinjati għalkollox mal-prijoritajiet ta' rkupru. Il-**Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali** se jgħin lill-bdiewa u liż-żoni rurali jwettqu t-tranżizzjoni ekoloġika u se jappoġġa l-investiment u r-riformi essenzjali biex jintlaħqu l-miri ambjentali ambizzjużi tal-Ewropa. Finalment, **Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta** msaħħa sew se jgħin lill-Istati Membri jħaffu t-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika, u billi jagħmlu dan jagħtu spinta lill-ekonomiji tagħhom.*



➤ ***Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ġdida***

Il-baġit tal-UE jista' jipprovdi appoġġ qawwi għall-prijoritajiet tal-investiment u r-riforma identifikati permezz tas-Semestru Ewropew, aktar kruċjali minn qatt qabel fi żmien li fih il-baġits nazzjonali qegħdin taħt pressjoni.

Fiċ-ċentru tal-pjan ta' rkupru se jkun hemm **Faċilità ġdida għall-Irkupru u r-Reżiljenza**. Il-mira tal-faċilità se tkun li tappoġġa l-investiment u r-riformi essenzjali għal irkupru dejjiemi, biex tittejjeb ir-reżiljenza ekonomika u soċjali tal-Istati Membri, u biex jiġu appoġġati t-tranżizzjonijiet ekonomiċi u diġitali. Se tkun disponibbli għall-Istati Membri kollha, iżda l-appoġġ se jkun ikkonċentrat fil-partijiet tal-Unjoni l-aktar milquta u li fihom hemm l-akbar ħtieġa relatata mar-reżiljenza. Dan se jgħin biex jiġu miġġielda d-diverġenzi li qed jikbru bejn l-Istati Membri u biex inħejju l-ekonomiji tagħna għall-ġejjieni.

Il-faċilità se toffri appoġġ finanzjarju fuq skala kbira għall-investimenti u r-riformi li jagħmlu l-ekonomiji tal-Istati Membri aktar reżiljenti. B'mod kruċjali, se tiżgura li dawn l-investimenti u r-riformi jiffukaw fuq l-isfidi u l-ħtiġijiet ta' investiment relatati mat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Se tgħin lill-Istati Membri jindirizzaw sfidi ekonomiċi u soċjali li huma saħansitra aktar kritiċi kaġun tal-kriżi, f'bosta oqsma bħal dawk soċjali, tal-impjiegi, tal-ħiliet, tal-edukazzjoni, tar-riċerka u tal-innovazzjoni u tas-saħħa, iżda wkoll f'oqsma relatati mal-ambjent tan-negozju, inkluż l-amministrazzjoni pubblika u s-settur finanzjarju. Il-Kummissjoni se toffri appoġġ tekniku estensiv biex tiżgura li l-fondi jintużaw bl-aħjar mod possibbli.

Il-faċilità għandha baġit propost ta' EUR 560 biljun biex jgħin fil-finanzjament ta' rkupru u reżiljenza tal-Istati Membri. Se tkun mġhammra b'faċilità tal-għotjiet b'valur sa EUR 310 biljun u se tkun kapaċi twassal sa EUR 250 biljun f'self.

Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza se tkun integrata sew fis-Semestru Ewropew. L-Istati Membri se jħejju pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza bħala parti mill-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom. Dawn il-pjanijiet se jistipulaw il-prijoritajiet tal-investiment u r-riforma u l-pakketti tal-investiment relatati li għandhom jiġu ffinanzjati taħt il-faċilità, u l-appoġġ se jingħata f'pagamenti skont il-progress li jkun sar u fuq il-bażi ta' parametri referenzjarji predefiniti.

➤ ***REACT-EU - inżidu l-appoġġ ta' koeżjoni għall-Istati Membri***

Il-Kummissjoni qed tipproponi **inizjattiva REACT-EU** ġdida biex iżżid l-appoġġ biex l-Istati Membri jagħmlu l-ekonomiji tagħhom aktar reżiljenti u sostenibbli fil-fażi tat-tiswija tal-kriżi. Dan se jgħin biex tiċkien id-diskrepanza bejn il-miżuri tal-ewwel rispons u l-irkupru aktar fit-tul.

Permezz ta' REACT-EU, il-Kummissjoni qed tipproponi li tipprovdi EUR 55 biljun ta' finanzjament addizzjonali tal-politika ta' koeżjoni minn issa sal-2022, EUR 50 biljun minn Next Generation EU fl-2021 u l-2022, u EUR 5 biljun diġà fl-2020 billi tadatta l-qafas finanzjarju attwali. Dan se jkun ibbażat fuq ir-regoli attwali tal-koeżjoni, inkluża l-flessibilità eċċezzjonali introdotta permezz tal-Inizjattivi ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus. Skont dawn il-proposti, bejn l-2020 u l-2022 se jiġi pprovdut finanzjament addizzjonali għall-programmi ta' koeżjoni attwali kif ukoll għall-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn, biex b'hekk il-finanzjament għall-miżuri ewlenin ta' tiswija wara l-kriżi u l-appoġġ għall-persuni l-aktar fil-bżonn ikun jista' jkompli mingħajr interruzzjoni.

Il-finanzjament addizzjonali se jiġi allokat skont is-severità tal-impatti ekonomiċi u soċjali tal-kriżi, inkluż il-livell ta' qgħad fost iż-żgħażaġh u l-prosperità relattiva tal-Istati Membri . L-impenji addizzjonali se jiġu implimentati permezz tal-emendi għall-programmi jew programmi ġodda ddedikati ppreżentati mill-Istati Membri u adottati mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni se taħdem mill-qrib mal-Istati Membri biex jimmaniġjaw dan il-proċess b'aktar mod rapidu u effiċjenti possibbli.

Il-finanzjament se jappoġġa l-azzjonijiet ta' tiswija tal-kriżi fl-aktar setturi importanti għal irkupru ekoloġiku, diġitali u reżiljenti. Dan se jinkludi investiment biex jissewew is-swieq tax-xogħol, inluż permezz ta' sussidji għar-reklutaġġ, skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, appoġġ għas-sistemi tas-saħħa, u l-provvediment ta' kapital operatorju għall-intrapriżi żgħar u medji. L-appoġġ se jkun disponibbli f'setturi ekonomiċi differenti, inkluż fit-turiżmu u l-kultura, u għall-investimenti essenzjali fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, u b'hekk isaħħaħ l-investiment diġà ppjanat skont il-programmi ta' koeżjoni futuri. Parti minn dawn ir-riżorsi addizzjonali jistgħu jintużaw ukoll biex jgħinu lin-nies li qed isofru mill-privazzjoni materjali u alimentari.

➤ ***Il-politika ta' koeżjoni għasservizz tal-irkupru ekonomiku għal kulħadd***

Lil hinn mir-rispons immedjat għall-kriżi, **il-politika ta' koeżjoni** se tkun kruċjali biex niżguraw irkupru bbilanċjat fit-tul, biex jiġu evitati assimetriji u diverġenzi fit-tkabbir bejn l-Istati Membri u fi ħdanhom.

Għaldaqstant huwa essenzjali għall-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni li l-programmi ta' koeżjoni l-ġodda jiġu varati fl-1 ta' Jannar 2021, b'mod parallel mal-fondi addizzjonali li jkunu saru disponibbli għall-programmi attwali sa tmiem l-2022. Dawn il-proposti ġew imfassla biex jagħtu l-appoġġ massimu għall-prijoritajiet tal-lum.

Il-Kummissjoni issa qed taġġusta l-proposti tagħha għall-programmi futuri tal-politika ta' koeżjoni biex jagħtu appoġġ aktar b'saħħtu għall-investimenti ta' rkupru, pereżempju fir-reżiljenza tas-sistemi nazzjonali tas-saħħa, f'setturi bħat-turiżmu u l-kultura, fl-appoġġ għall-intrapriżi żgħar u medji, f'miżuri għall-impjieġ taż-żgħażaġh, fl-edukazzjoni u l-ħiliet, u miżuri li jikkumbattu l-faqar fost it-tfal.

Iż-żgħażaġh aktarx li se jintlaqtu partikolarment ħażin mill-kriżi, u għalhekk jenħtieġ li l-Istati Membri b'livelli ta' qgħad fost iż-żgħażaġh oġhla mill-medja tal-UE jipprogrammaw mill-inqas 15 % tar-riżorsi tal-Fond Soċjali Ewropew Plus tagħhom b'ġestjoni kondiviża biex jappoġġaw liż-żgħażaġh. Fid-dawl tal-impatt li l-kriżi aktarx ikollha fuq il-persuni l-aktar vulnerabbli fis-soċjetà, il-Kummissjoni tipproponi wkoll li mill-inqas 5 % tan-nefqa totali skont il-Fond Soċjali Ewropew Plus jenħtieġ li tintuża biex tgħin biex it-tfal jinħarġu mill-faqar.

Se tiġi pprovduta assistenza teknika biex l-Istati Membri jimmassimizzaw il-benefiċċji kombinati tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni l-ġodda u l-programmi attwali taħt REACT-EU.

Il-proposti riveduti jipprevedu wkoll flessibbiltà akbar għat-trasferimenti bejn il-fondi u jintroduċu provvedimenti ġodda biex jiġu attivati f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza. Biex jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjed appoġġ lill-Istati Membri u lir-reġjuni l-aktar fil-bżonn, il-proposti riveduti tal-Kummissjoni jipprevedu wkoll rieżami tal-allokazzjonijiet tal-koeżjoni nazzjonali fl-2024, huma u jitqiesu l-istatistiċi li kienu disponibbli l-aħħar. Dan ir-rieżami se jwassal biss għal aġġustamenti 'l fuq ta' sa EUR 10 biljun għall-Istati Membri kollha.

➤ *Appoġġ għal tranżizzjoni ġusta*

L-irkupru u l-prospertà futura tal-Ewropa se jiddependu fuq il-passi li nieħdu issa biex inħejju għat-tranżizzjoni għal ekonomija newtrali għall-klima, effiċjenti fir-riżorsi u ċirkolari. Dan it-tibdil se jaffettwa lill-Ewropej kollha iżda l-piż tal-aġġustament se jkun itqal għal xi setturi u reġjuni minn oħrajn. Bħala parti mill-pakkett ta' rkupru, il-Kummissjoni qed tipproponi li tuża Next Generation EU biex tipprovdi assistenza finanzjarja biex takkumpanja t-trasformazzjoni tal-ekonomija Ewropea u biex tiżgura li ħadd ma jitħalla lura.

B'mod partikolari, il-Kummissjoni qed tipproponi li tipprovdi finanzjament addizzjonali sostanzjali ta' EUR 30 biljun għall-**Fond għal Tranżizzjoni Ġusta**, biex it-total jiġi ta' EUR 40 biljun. Dan il-finanzjament se jintuża biex jittaffew l-impatti soċjo-ekonomiċi tat-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika fir-reġjuni l-aktar affettwati, billi pereżempju jappoġġa t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema, jgħin lill-SMEs joħolqu opportunitajiet ekonomiċi ġodda, u b'investiment fit-tranżizzjoni lejn l-enerġija nadifa u fl-ekonomija ċirkolari. Aktar finanzjament għall-InvestEU se jfisser ukoll li t-tieni pilastru tal-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta se jissaħħaħ. Il-Kummissjoni qed tagħmel ukoll proposti biex tistabbilixxi l-faċilità ta' self għas-settur pubbliku li tiffirma t-tielet pilastru tal-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta. Dan se jiġi appoġġat minn EUR 1,5 biljun mill-baġit tal-UE⁷ u EUR 10 biljun f'self mill-Bank Ewropew tal-Investment. Meħudin flimkien, it-tliet pilastru tal-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta huma mistennija li jimmobilizzaw sa EUR 150 biljun f'investimenti biex jiżguraw li ħadd ma jitħalla lura fit-tranżizzjoni ekoloġika.

Iż-żoni rurali se jkollhom rwol vitali x'jaqdu biex jimplimentaw it-tranżizzjoni ekoloġika u biex jintlaħqu l-miri klimatiċi u ambjentali ambizzjużi tal-Ewropa. Il-Kummissjoni qed tipproponi li jissaħħaħ il-baġit għall-**Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali** b'EUR 15 biljun biex jappoġġa lill-bdiewa u liż-żoni rurali biex jagħmlu t-tibdil strutturali meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, u b'mod partikolari biex tappoġġa l-kisba tal-miri ambizzjużi fl-istrateġiji tal-bijodiversità u "Mill-Għalqa sal-Platt".

2) Inqajmu l-ekonomija u ngħinu biex l-investment privat jerġa' jibda jiċċaqila

*Hija meħtieġa azzjoni urġenti biex l-ekonomija tqum u jinħolqu l-kundizzjonijiet għal irkupru mmexxi mill-investment privat fis-setturi u t-teknoloġiji ewlenin. Il-Kummissjoni għalhekk qed tipproponi li ssaħħaħ lill-InvestEU, il-programm emblematiku ta' investment tal-Ewropa, biex timmobilizza l-investment privat fi proġetti strateġiċi madwar l-Unjoni. Bħala parti minn dan, il-Kummissjoni tipproponi li toħloq **Faċilità ġdida ta' Investment Strateġiku** biex tinvesti fi ktajjen tal-valur ewlenin kruċjali għar-reżiljenza u l-awtonomija strateġika futuri tal-Ewropa. Kumpaniji f'saħħithom li jista' jsir investment fihom huma prerekwiżit għas-suċċess f'din il-kampanja għall-investment, iżda mijiet ta' eluf ta' kumpaniji aktarx li se jaqgħu taħt pressjoni qawwija ta' finanzjament sa tmiem is-sena. Għaldaqstant, il-Kummissjoni qed tipproponi **Strument ta' Appoġġ għas-Solvenza** ġdid biex jipprovdi appoġġ urġenti lil kumpaniji sodi li qegħdin fir-riskju kaġun tal-kriżi, u jgħin hom jgħaddu minn din il-burraxka. L-istrument għandu jibda jopera minn din is-sena stess.*



➤ *Noħolqu salvawom ta' likwidità u solvenza għal kumpaniji taħt pressjoni*

L-abbiltà tal-ekonomiji Ewropej li jirritornaw għat-tkabbir tiddependi fuq ir-reżiljenza u l-adattabilità tas-settur privat. B'riżultat tal-kriżi, kumpaniji li normalment huma vijabbli qed

⁷ EUR 1,25 biljun minn rimborżi minn strumenti finanzjarji preċedenti u EUR 250 miljun mill-baġit.

jesperjenzaw problemi serji ta' likwidità u solvenza. L-istimi tal-Kummissjoni juru li f'xenarju negattiv, bejn 35 % u 50 % tal-kumpaniji b'aktar minn 20 impjegat jistgħu jesperjenzaw nuqqasijiet ta' finanzjament sa tmien is-sena. Il-ħtiġijiet ta' tiswija tal-ekwità għal din is-sena biss jistgħu jkunu bejn EUR 720 biljun u EUR 1,2 triljun. Bi kriżi ta' dan id-daqs quddiemna, l-appoġġ li bħalissa qed jiġi pprovdut mill-Istati Membri mhuwiex se jkun biżżejjed. Barra minn hekk, l-abbiltà tal-Istati Membri li jappoġġaw lill-kumpaniji tagħhom tvarja ħafna. Għaldaqstant, hija meħtieġa azzjoni urġenti biex tgħin dawn il-kumpaniji jgħaddu minn din il-kriżi, u jiġi evitat ċirku vizzjuż ta' ħsara ekonomika u fallimenti ta' kumpaniji, u titwitta triq għal irkupru f'saħħtu fis-suq uniku.

Il-Kummissjoni għalhekk qed tippromovi **Strument ta' Appoġġ għas-Solvenza** ġdid biex jgħin fil-mobilizzazzjoni ta' riżorsi privati biex jipprovdu appoġġ urġenti lil kumpaniji Ewropej li normalment ikunu vijabbli biex jindirizzaw tħassib ta' likwidità u ta' solvenza. L-istrument se jkun temporanju u mmirat unikament u strettament biex jiġi indirizzat l-impatt ekonomiku tal-pandemija. Se jgħin biex jiġu evitati defiċits massivi ta' kapital u inadempjenzi possibbli ta' kumpaniji li normalment ikunu vijabbli u l-ħsara ekonomika kbira li dawn jikkawżaw. Dawn il-miżuri b'azzjoni rapida se jiġu kkomplementati minn appoġġ aktar fit-tul taħt programmi bħal InvestEU, il-politika ta' koeżjoni u l-programm għas-suq uniku.

L-istrument temporanju l-ġdid se jinholq taħt il-FEIS. Se jimmobilizza l-investment privat f'kumpaniji li għaddejjin mill-inkwiet billi jipprovdi garanziji parzjali kontra t-telf. Bi provvediment fil-baġit tal-UE ta' EUR 5 biljun mill-qafas finanzjarju attwali fl-2020 biex jiżgura bidu rapidu u EUR 26 biljun addizzjonali minn Next Generation EU, il-baġit tal-Unjoni se jipprovdi garanzija ta' madwar EUR 75 biljun lill-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investment, li se jiżgura twettiq rapidu fuq il-post. L-istrument se jkollu l-mira ta' livell ta' investment ta' EUR 300 biljun f'appoġġ għas-solvenza.

Il-garanzija se tiġi kalibrata biex tiżgura li l-investimenti jiġu mmirati lil dawk il-kumpaniji li għandhom l-akbar ħtieġa ta' kapital fl-Istati Membri u s-setturi kollha, b'enfasi partikolari fuq l-Istati Membri li huma anqas kapaċi jintervjenu permezz tal-għajjnuna mill-istat u fuq l-Istati Membri u s-setturi li fihom l-effetti ekonomiċi tal-COVID-19 kienu l-aktar serji. Dan huwa essenzjali biex jinżammu kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fis-suq uniku u biex jiġi evitat li jkomplu jikbru d-diverġenzi ekonomiċi dannużi fl-Unjoni. Jenħtieġ li titqies birreqqa s-sitwazzjoni kapitali tal-istituzzjonijiet li jimplimentaw l-Istrument ta' Appoġġ għas-Solvenza.

Barra minn hekk, bħala miżura komplementari, il-kapital tal-Fond Ewropew tal-Investment se jżied biex jipprovdi appoġġ lil firxa wiesgħa ta' intrapriżi żgħar u medji, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tal-Istrument ta' Appoġġ għas-Solvenza. Dan se jkompli jżid mal-bini ta' pakkett komprensiv għall-irkupru Ewropew, ukoll flimkien mal-miżuri miftiehma mill-Kunsill Ewropew f'April. Iż-żieda kapitali li se tasal sa EUR 1,5 biljun se tiġi ffinanzjata kemm taħt il-qafas finanzjarju pluriennali preżenti kif ukoll dak li jmiss.

➤ ***Kapaċità tal-investment u awtonomija strateġika msaħħa***

L-investment privat se jintlaqat ħafna mill-kriżi: l-analiżi tal-Kummissjoni tissuġġerixxi li l-investment tas-settur privat jista' jonqos b'aktar minn EUR 1 triljun fl-2020–2021. Biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' investment tal-ekonomija Ewropea se jkun hemm bżonn azzjoni urġenti biex din ix-xejra titreġġa' lura u tqiegħed il-kundizzjonijiet meħtieġa għal irkupru mmexxi mill-investment. Dan l-investment huwa partikolarment kruċjali għas-suċċess tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tal-Ewropa, fejn il-Kummissjoni tistma li l-ħtiġijiet tal-investment jammontaw għal mill-inqas EUR 1,2 triljun fl-istess perjodu. L-investment fis-

setturi u t-teknoloġiji ewlenin, mill-5G sal-intelliġenza artifiċjali, mill-idroġenu nadif għall-enerġija rinnovabbli offshore, huwa l-muftieħ għall-ġejjieni tal-Ewropa.

Il-programm **InvestEU** huwa uniku f'kemm jista' jimmobilizza l-investment u jappoġġa l-politiki tal-Unjoni tul l-irkupru minn kriżi ekonomika profonda. Dan ġie muri sew mill-esperjenza fl-implimentazzjoni tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi u l-istrumenti finanzjarji wara l-kriżi finanzjarja li għaddiet.

Il-Kummissjoni għaldaqstant qed tipproponi li **InvestEU** tissaħħaħ għal livell ta' EUR 15,3 biljun għall-erba' twieqi ta' politika diġà maqbula mill-koleġislaturi. Dan jista' jiskatta investment ta' aktar minn EUR 240 biljun.

L-InvestEU se jipprovdi appoġġ kruċjali għal kumpaniji fil-fażi tal-irkupru u jiżgura enfasi qawwija fost l-investituri fuq il-prijoritajiet ta' politika fi żmien medju u fit-tul, b'mod partikolari l-Patt Ekoloġiku Ewropew u d-diġitalizzazzjoni. Se jżid il-kapaċità ta' teħid ta' riskji tal-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investment u l-Banek Promozzjonali Nazzjonali b'appoġġ għall-irkupru ekonomiku. Billi jimmobilizza investment privat sinifikanti, se jikkomplementa l-appoġġ immedjat ipprovdut tul il-fażi tat-tiswija tal-kriżi mill-Istrument ta' Appoġġ għas-Solvenza u REACT-EU, u l-finanzjament skont il-qafas futur mill-politika ta' koeżjoni u programmi oħrajn.

Ninvestu fl-awtonomija strateġika: Faċilità għall-Investment Strateġiku ġdida

Karatteristika ewlenija tal-InvestEU se tkun faċilità ġdida biex iżżid ir-reżiljenza tal-Ewropa billi tinbena l-awtonomija strateġika fi ktajjen tal-valur essenzjali fil-livell Ewropew.

Se tinħoloq **Faċilità għall-Investment Strateġiku** bħala tieqa addizzjonali taħt InvestEU. Din il-faċilità se tappoġġa proġetti li jikkontribwixxu għall-bini ta' ktajjen tal-valur b'saħħithom u reżiljenti madwar l-UE u jsaħħu l-awtonomija tas-suq uniku tal-Unjoni, filwaqt li żżomm il-ftuħ tagħha għall-kompetizzjoni u l-kummerċ f'konformità mar-regoli tagħha. Dan se jsaħħaħ ir-reżiljenza tal-ekonomija tal-Unjoni filwaqt li tipprovdi r-riżorsi għal kumpaniji strateġikament importanti biex jiffjorixxu u jikbru fl-UE. L-appoġġ mill-Istati Membri għal dawn il-proġetti aktarx li mhux se jkun biżżejjed u d-dimensjoni transfruntiera qawwija tfisser li approċċ koordinat Ewropew se jkun essenzjali għas-suċċess.

Bi provvediment ta' EUR 15-il biljun minn Next Generation EU, il-faċilità l-ġdida tipprovdi garanzija tal-UE ta' EUR 31,5 biljun u tista' tiġġenera investimenti li jaslu sa EUR 150 biljun biex jinċentivizzaw it-tmexxija industrijali Ewropea f'setturi strateġiċi u ktajjen tal-valur ewlenin, inklużi dawk li huma kruċjali għat-tranżizzjonijiet tawmin ekoloġiċi u diġitali. It-tieqa se tiżgura li tali investimenti jisfruttaw għalkollox il-potenzjal tas-suq uniku, bil-garanzija tal-UE tappoġġa kumpaniji minn madwar l-ekonomija Ewropea u ssir strument qawwi għall-irkupru.

3) Nitgħallmu mill-kriżi u nindirizzaw l-isfidi strateġiċi tal-Ewropa

*Il-kriżi issottolinjat il-valur tal-kooperazzjoni Ewropea kif ukoll uriet b'mod ċar li l-Unjoni għandha b'mod urġenti tibni l-kapaċità tagħha li tirreaġixxi għall-kriżijiet u tibni reżiljenza għal xokkijiet futuri. Il-Kummissjoni qed tipproponi **programm il-ġdid l-UE għas-Saħħa** biex isaħħaħ is-sigurtà tas-saħħa u jħejji għal kriżijiet futuri tas-saħħa. **RescEU, il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili**, se jiġi estiż u msaħħaħ biex jipprovdi lill-Unjoni bi tħejjija għal kriżijiet futuri u twieġeb għalihom. **Orizzont Ewropa** se jissaħħaħ biex jiffinanzja riċerka vitali fis-saħħa, ir-reżiljenza u t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Programmi oħra tal-UE, fosthom l-istrumenti esterni tagħha, se jissaħħu biex jallinjaw il-qafas finanzjarju futur mal-ħtiġijiet*



ta' rkupru u se jissaħħu l-istrumenti speċjali biex il-baġit tal-UE jsir aktar flessibbli u reattiv.

➤ **Programmi ġodda u msaħħa biex tinbena r-reżiljenza u tissaħħaħ il-kooperazzjoni**

Next Generation EU se jipprovdi tisħiħ immirat għal programmi ewlenin li jmexxu t-tkabbir u l-kapaċità tal-Ewropa li tirreżisti u tegħleb kriżijiet futuri. Dawn iż-żidiet huma addizzjonali għall-proposti inizjali tal-Kummissjoni għall-qafas futur, li jibqgħu bażi ġusta u bbilanċjata għal ftehim.

Programm ġdid għat-tisħiħ tas-sigurtà u l-kooperazzjoni fil-qasam tas-saħħa.

Il-kriżi wriet li l-finanzjament għas-saħħa għandu jingħata prijorità ogħla fil-qafas finanzjarju futur. Il-Kummissjoni qed tipproponi **programm ambizzjuż u indipendenti l-UE għas-Saħħa** li jipprovdi appoġġ dedikat għall-isfidi tas-saħħa li ġejjin kif identifikat fil-valutazzjoni tal-ħtiġijiet. Skont din il-proposta, il-finanzjament għall-programm il-ġdid se jammonta għal EUR 9,4 biljun, tisħiħ kbir meta mqabbel mal-proposti preċedenti taħt il-Fond Soċjali Ewropew Plus.

Il-programm il-ġdid se jgħin biex jiġi żgurat li l-Unjoni tkun mgħammra bil-kapaċitajiet kritiċi li tirreaġixxi malajr għall-kriżijiet tas-saħħa futuri u bl-iskala meħtieġa. Il-programm se jkollu l-għan li johlq qafas komprensiv għall-prevenzjoni, it-tnejn u r-rispons għall-kriżijiet tas-saħħa fl-UE, li jikkumplimenta u jsaħħaħ l-isforzi fuq livell nazzjonali u l-appoġġ reġjonali għas-sistemi tal-kura tas-saħħa taħt il-politika ta' koeżjoni.

L-ewwel parti tal-programm se tindirizza s-sigurtà tas-saħħa u t-tnejn għall-kriżijiet. Se tappoġġa l-investimenti f'infrastruttura tas-saħħa kritika, għodda, strutturi, proċessi, u kapaċità tal-laboratorji, inklużi għodod għas-sorveljanza, l-immudellar, it-tbassir, il-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' tifqigħat. Se tappoġġa l-istabbiliment ta' mekkaniżmu għall-iżvilupp, l-akkwist u l-ġestjoni ta' prodotti rilevanti għall-kriżijiet tas-saħħa bħall-mediċini - inkluż it-tilqim - u t-trattamenti, is-sustanzi intermedji tagħhom, l-ingredjenti farmaċewtiċi attivi u l-materja prima; apparat mediku u tagħmir mediku bħal ventilaturi, ilbies u tagħmir protettiv, materjali u għodod dijanjostiċi. Dan se jgħin biex jinholq qafas ġdid ta' komunikazzjoni tar-riskju fl-UE li jkopri l-fażijiet kollha ta' kriżi.

It-tieni parti se tappoġġa viżjoni aktar fit-tul għat-titjib tal-eżiti tas-saħħa permezz ta' sistemi tas-saħħa effiċjenti u inklużivi fl-Istati Membri, permezz ta' prevenzjoni u sorveljanza aħjar tal-mard, il-promozzjoni tas-saħħa, l-aċċess, id-dijanjożi u t-trattament, u l-kollaborazzjoni transfruntiera fis-saħħa. Pereżempju, il-programm se jappoġġa l-bini ta' kapaċità fl-Istati Membri, jiffinanzja programmi ta' taħriġ għall-persunal mediku u tal-kura tas-saħħa, u jinvesti fit-trasformazzjoni diġitali tas-settur tal-kura tas-saħħa u l-iskjerament ta' infrastrutturi diġitali interoperabbli, inkluż għar-riċerka u l-kondiviżjoni tad-data.

Il-programm se jkun imfassal u implimentat b'rispett sħiħ għad-diviżjoni tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri f'dan il-qasam. Dan se jorbot mal-appoġġ rilevanti pprovdut permezz ta' programmi oħra tal-UE u jistabbilixxi modi ġodda biex jiġu implimentati azzjonijiet konġunti u tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' kontromiżuri u riżorsi mediċi f'każ ta' theddid kbir għas-saħħa. Se jaħdem ma' resCEU msaħħaħ, li huwa ffukat fuq il-kapaċitajiet ta' rispons dirett għall-kriżijiet, il-ħażniet, l-iskjerament u d-dispaċċ ta' tagħmir u persunal f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, billi jiġu pprovduti l-kontribuzzjonijiet tas-saħħa meħtieġa.

It-tisħiħ tal-kapaċità ta' rispons tal-mekkaniżmu ta' protezzjoni ċivili tal-Unjoni.

Lezzjoni ċara mill-pandemija hija li l-Ewropa trid tkun kapaċi tirreaġixxi aktar malajr u b'mod flessibbli fi kriżijiet transfruntieri serji minħabba l-iskala tat-tfixkil potenzjali għall-ekonomiji u s-soċjetajiet tagħna. Għaldaqstant il-Kummissjoni qed tipproponi li ssaħħa lil **rescEU, il-mekkaniżmu tal-protezzjoni ċivili tal-Unjoni**. Dan se jagħmel lil rescEU aktar flessibbli u jżid il-kapaċità tal-Unjoni li taġixxi b'mod unitarju fil-livell tal-UE.

L-allokazzjoni finanzjarja se tiżdied għal EUR 3,1 biljun, li tiffinanzja investimenti fl-infrastruttura ta' rispons, fil-kapaċità tat-trasport u f'timijiet ta' appoġġ ta' emerġenza. Ir-rescEU aġġornat se jagħti lill-Unjoni l-kapaċità u l-infrastruttura loġistika meħtieġa biex tipprovdni għal tipi differenti ta' emerġenza, inklużi dawk b'komponent mediku, li jikkumplementaw il-programm il-ġdid l-UE għas-Saħħa. Il-proposta se tissimplifika wkoll u żżid il-flessibbiltà tal-kapaċitajiet operazzjonali. Dan se jiżgura rispons tal-UE aktar f'waqt u effettiv fil-futur għal emerġenzi fuq skala kbira.

Orizzont Ewropa – ninvestu fl-innovazzjoni u t-tnejn għall-futur

Orizzont Ewropa se jammonta għal EUR 94,4 biljun biex jiżdied l-appoġġ Ewropew għall-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni relatati mas-saħħa u l-klima. Dan se jikkontribwixxi għal tnejn msaħħa biex jiġu indirizzati b'mod effettiv u rapidu l-emerġenzi u l-investiment f'soluzzjonijiet xprunati mix-xjenza, li jikkumplementaw il-finanzjament operazzjonali pprovdut bil-programm il-ġdid l-UE għas-Saħħa u rescEU.

Fil-qasam tas-saħħa, it-tisħiħ se jintuża biex jiżdied l-isforz tar-riċerka għal sfidi bħalma huma l-pandemija tal-Coronavirus, l-estensjoni tal-provi kliniċi, il-miżuri protettivi innovattivi, il-viroloġija, it-tilqim, it-trattamenti u d-dijanostiċi, u t-traduzzjoni tas-sejbiet tar-riċerka f'miżuri ta' politika tas-saħħa pubblika.

Qed jiġi propost ukoll li jiżdiedu r-riżorsi għar-riċerka u l-innovazzjoni f'oqsma relatati mal-klima. Dan se jsahha l-appoġġ għall-kompetittività tal-industrija tal-UE f'setturi ekonomiċi relatati u jippromwovi rkupru konsistenti mal-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. It-tisħiħ se jipprovdni mezzi addizzjonali għal innovazzjonijiet emerġenti u rivoluzzjonarji minn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, negozji ġodda, u kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja.

Flimkien mas-sħab globali tagħna fi żmien ta' kriżi.

Il-pandemija hija sfida dinjija. Mingħajr rispons dinji, kull pajjiż u reġjun fid-dinja, inkluż l-Unjoni, se jibqa' vulnerabbli. L-UE trid tkompli turi solidarjetà mas-sħab tagħna madwar id-dinja fil-ġlieda kontra l-COVID-19.

Il-Kummissjoni tipproponi li tistabbilixxi l-**Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali** għal EUR 86 biljun, permezz ta' Garanzija għall-Azzjoni Esterna ġdida, u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli biex jiġu appoġġati s-sħab – b'mod partikolari fil-Balkani tal-Punent, il-Viċinat u fil-bqija tal-Afrika – fl-isforzi tagħhom biex jiġġieldu u jirkupraw mill-impatt tal-pandemija, f'kooperazzjoni mas-sħab internazzjonali bħalma huma l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, in-Nazzjonijiet Uniti u l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa. Aġġustament immirat għall-qafas finanzjarju attwali se jippermetti li EUR 1 biljun ta' appoġġ addizzjonali jkunu diġà disponibbli fl-2020.

L-appoġġ se jipprovdni likwidità lil intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, jippreserva l-investimenti fi proġetti tal-enerġija rinnovabbli, u jżid il-kapaċità ta' finanzjament f'muniti lokali f'pajjiżi sħab biex jissaħħu s-sistemi tal-kura tas-saħħa, inkluż l-istat ta' tnejn, u biex tinbena l-kapaċità ta' manifattura għal tilqim, trattamenti u dijanjostika relatati mal-

COVID-19. Dan l-appoġġ akbar se jkun immirat ukoll lejn l-aktar pajjiżi u reġjuni vulnerabbli, filwaqt li jindirizza l-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi severi tal-pandemija.

Il-Kummissjoni tippromovi wkoll EUR 5 biljun addizzjonali biex issaħħaħ l-**istrument tal-ghajjuna umanitarja**, li jirrifletti l-ħtiġijiet umanitarji li qed jikbru fl-aktar partijiet vulnerabbli tad-dinja. L-impatt tal-pandemija u l-effett ekonomiku, pereżempju t-telf ta' dħul minħabba l-kollass taż-żejt u l-prezzijiet tal-materja prima u t-tnaqqis drastiku fir-rimessi, qed iżidu l-ħtiġijiet eżistenti, u dan jagħmilha aktar importanti li l-Unjoni tkun mgħammra biex turi solidarjetà mal-bqija tad-dinja.

➤ ***Ngħammru programmi oħra għall-bini ta' reżiljenza u twettiq ta' prijoritajiet strateġiċi***

Il-qafas finanzjarju għall-2021-2027 propost mill-Kummissjoni fl-2018, kif imsaħħaħ mill-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta u l-bidliet proposti llum, jibqa' l-punt ta' referenza essenzjali għall-fażi finali tan-negozjati. L-arkitettura proposta, il-livell ta' appoġġ, il-bilanċ bejn il-prijoritajiet, u l-karatteristiċi ewlenin bħall-mira ta' mill-inqas 25 % tan-nefqa li tikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika, u l-miżuri li jappoġġaw l-ugwaljanza bejn is-sessi u n-nondiskriminazzjoni huma kollha meħtieġa għal pakkett ta' rkupru b'bilanċjat. Il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar il-protezzjoni tal-baġit tal-UE kontra nuqqasijiet ġeneralizzati fl-istat tad-dritt hija karatteristika ewlenija oħra. Barra minn hekk, miżuri b'saħħithom għall-protezzjoni tal-baġit kontra l-frodi u l-irregolaritajiet huma fis-seħħ u l-Kummissjoni se ssaħħaħhom aktar. L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) se jeżerċitaw is-setgħat ta' kontroll u investigazzjoni tagħhom.

Madankollu, il-kriżi wriet b'mod ċar li f'diversi oqsma ewlenin il-livelli ta' appoġġ diskussi mill-Mexxejja fi Frar mhux se jkunu biżżejjed. Minbarra t-tisħiħ iffinanzjat taħt Next Generation EU, huwa għalhekk imperattiv li jissaħħu programmi oħra biex ikunu jistgħu jwettqu r-rwol sħiħ tagħhom biex l-Unjoni ssir aktar reżiljenti u biex jiġu indirizzati l-isfidi li żdiedu minħabba l-pandemija u l-konsegwenzi tagħha.

Dawn jinkludu:

- Insaħħu d-difiżi tal-Unjoni u nappoġġaw it-tranżizzjoni diġitali billi ngħammru l-**Programm Ewropa Diġitali** b'baġit totali ta' EUR 8,2 biljun.
- Ninvestu f'infrastruttura tat-trasport aġġornata u bi prestazzjoni għolja biex jiġu ffaċilitati l-konnessjonijiet transfruntiera, bħalma huma Rail Baltica, permezz ta' EUR 1,5 biljun addizzjonali għall-**Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa**.
- Noħolqu l-kundizzjonijiet għal irkupru tas-suq uniku li jaħdem tajjeb billi nżommu l-baġits proposti għall-**Programm tas-Suq Uniku** u għal programmi li jappoġġaw il-kooperazzjoni fl-oqsma tat-**tassazzjoni u tad-dwana** fil-livell ta' EUR 3,7 biljun, EUR 239 miljun u EUR 843 miljun rispettivament.
- Ninvestu fiż-żgħażaġħ permezz ta' EUR 3,4 biljun addizzjonali għall-**Erasmus Plus**, biex b'hekk it-total jingiebi għal EUR 24,6 biljun, kif ukoll fis-setturi kulturali u kreattivi permezz ta' żieda tal-**Ewropa Kreattiva** sa livell ta' EUR 1,5 biljun.
- Insaħħu r-reżiljenza tas-setturi agroalimentari u tas-sajd u l-provvediment tal-kamp ta' applikazzjoni meħtieġ għall-ġestjoni tal-kriżi permezz ta' EUR 4 biljun addizzjonali għall-**Politika Agrikola Komuni** u ta' EUR 500 miljun għall-**Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd**.

- Insaħħu l-kooperazzjoni dwar il-protezzjoni tal-fruntieri esterni u l-migrazzjoni u l-politika dwar l-ażil billi jissaħħa il-**Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil** u l-**Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri** biex jintlaħaq livell ta' EUR 22 biljun.
- Niżguraw appoġġ b'saħħtu għall-awtonomija strateġika u s-sigurtà Ewropea billi nżidu l-**Fond għas-Sigurtà Interna** għal EUR 2,2 biljun u nsaħħu l-**Fond Ewropew għad-Difiża** għal livell ta' EUR 8 biljun.
- Nappoġġaw lis-sħab tagħna fil-Balkani tal-Punent billi ntellgħu l-**assistenza ta' qabel l-adeżjoni** tal-Unjoni għal livell ta' EUR 12,9 biljun.

B'dawn l-aġġustamenti mmirati, l-Unjoni se jkollha qafas finanzjarju fit-tul allinjat aħjar mal-prijoritajiet u l-ambizzjonijiet tagħha u mfassal biex jibni r-reżiljenza u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni fiż-żmien medju u fit-tul. Għaldaqstant, il-Kummissjoni qed tipproponi emendi mmirati għall-proposta tagħha tal-2018 għall-qafas finanzjarju li jmiss li jinkorpora r-riżultati tan-negozjati sa issa, għall-proposta tagħha għal Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta⁸, u r-rinforzi diskussi hawn fuq. Il-ħarsa ġenerali sħiħa programm programm tal-qafas finanzjarju pluriennali li tinkorpora Next Generation EU hija ppreżentata fl-Anness

➤ *Għodod ta' emerġenza aktar flessibbli*

Lil hinn mill-programmi individwali, il-kriżi enfasizzat kemm huwa importanti li l-Unjoni tkun tista' tirreaġixxi malajr u b'mod flessibbli biex tistabbilixxi rispons Ewropew ikkoordinat. Dan imbagħad jeħtieġ baġit tal-UE aktar flessibbli. Il-konsegwenzi kbar tal-kriżi tas-saħħa malajr eżawrew il-flessibilità tal-baġit attwali. Baġit aktar flessibbli u aġili huwa meħtieġ għall-futur, li jista' jinkiseb biss permezz ta' strumenti speċjali mfassla tajjeb.

Għaldaqstant, il-Kummissjoni tipproponi li jissaħħu l-flessibilità u l-għodod ta' emerġenza li jistgħu jimmobilizzaw ir-riżorsi fil-livell ta' skala biex jiġu indirizzati sfidi mhux previsti, bħall-**Fond ta' Solidarjetà** tal-UE, li jipprovdi appoġġ lill-Istati Membri u r-reġjuni milquta minn diżastri fuq skala kbira, u l-**Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni**, li jappoġġa lill-ħaddiema li jitilfu l-impjieg tagħhom bħala riżultat ta' avvenimenti ta' ristrutturar kbar.

Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza msaħħa b'mod sinifikanti se ssaħħa l-azzjoni tal-UE b'reazzjoni għall-aspetti kollha tal-kriżi tas-saħħa, kif ukoll emerġenzi oħra. Il-fondi jistgħu jiġu allokat biex jipprovdu appoġġ ta' emerġenza kif u meta meħtieġ permezz ta' strumenti tal-UE bħall-għajnuna umanitarja, l-Istrument ta' Appoġġ ta' Emerġenza, il-Programm tas-Suq Uniku, bil-miżuri veterinarji u fitosanitarji ta' emerġenza tiegħu, jew il-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni.

Flimkien, dawn l-istrumenti jipprovdu sa EUR 21 biljun f'finanzjament ta' emerġenza addizzjonali matul il-perjodu 2021-2027 meta mqabbla mal-proposti tal-Kummissjoni tat-2 ta' Mejju 2018.

⁸ COM(2020) 22, COM(2020) 23.

Insaħħu l-flessibbiltà tal-baġit tal-UE

RIŻERVA TA' SOLIDARJETÀ U GĦAJNUNA TA' EMERĠENZA 	• Tippermetti rinforzi rapidi permezz ta' trasferimenti baġitarji għal strumenti tal-UE fejn ikun hemm ħtieġa • Iżżid għal ammont massimu annwali ta' EUR 3 biljun
FOND TA' SOLIDARJETÀ 	• Tappoġġa lill-Istati Membri fir-rispons u l-irkupru immedjat wara diżastri naturali bħal għarar, nirien fil-foresti, terremoti, maltempati u nixfiet • Jestendi biex ikopri kriżijiet tas-saħħa maġġuri u żieda ħal ammont massimu annwali ta' EUR 1 biljun.
FOND EWROPEW TA' AĠĠUSTAMENT GĦALL-GLOBALIZZAZZJONI 	• Jipprovdi appoġġ għar-riintegrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni li jtilfu xogħolhom minħabba avvenimenti ta' ristrutturar kbar mhux mistennija bħal kriżi finanzjarja jew ekonomika • Il-limitu għall-attivazzjoni tal-fond naqas għal 250 sensja u żieda għal ammont annwali massimu ta' EUR 0.386 biljun.

Flessibbiltà annwali totali u finanzjament ta' emerġenza fl-2021-2027 = EUR 5.4 biljun

3. Kif nagħmluha realtà: Next Generation EU

Il-bieċa l-kbira tal-miżuri ta' rkupru proposti se jiġu mħaddma minn strument ta' rkupru temporanju ġdid **Next Generation EU** b'qawwa finanzjarja ta' EUR 750 biljun. L-istrument se jkun mekkaniżmu ta' emerġenza eċċezzjonali u temporanju. Il-finanzjament se jkun possibbli permezz tad-Deċizzjoni dwar ir-Riżorsi Propriji, li se tippermetti lill-Kummissjoni biex tissellef sa EUR 750 biljun f'isem l-Unjoni, għal miżuri matul il-perjodu 2021-2024.

Biex tipprovdi l-kapaċità baġitarja meħtieġa biex jiġu akkomodati r-responsabbiltajiet potenzjali relatati mal-finanzjament ta' Next Generation EU u skont ir-rekwiżiti ta' dixxiplina baġitarja, id-Deċizzjoni riveduta dwar ir-Riżorsi Propriji se tinkludi żieda eċċezzjonali u temporanja tal-limiti massimi tar-riżorsi propriji għall-impenji u l-pagamenti b'0,6 % tal-introjt nazzjonali gross tal-UE. L-espansjoni tal-limiti massimi se tintuża biss għall-fini li jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' kriżi tal-COVID 19 u limitata għat-tul meħtieġ biex jiġu koperti dawn l-obbligazzjonijiet.

L-iskala ta' Next Generation EU u t-tfassil tiegħu jirriflettu l-kobor u l-urġenza tal-isfidi li qed tiffaċċja l-Unjoni. Il-ħtiġijiet ta' finanzjament għal investimenti urġenti li jqumu wara l-kriżi huma bla preċedent. Rispons deċiżiv u straordinarju fil-livell tal-Unjoni huwa għalhekk meħtieġ. In-natura mingħajr preċedent ta' din l-operazzjoni u l-ammont eċċezzjonali ta' dawk il-fondi jeħtieġu li jankraw fis-sistema tar-riżorsi propriji, li hija approvata mill-Istati Membri kollha skont ir-rekwiżiti konstituzzjonali tagħhom.

Appoġġ addizzjonali ffinanzjat permezz ta' kontribuzzjonijiet nazzjonali miżjuda immedjatament wara l-kriżi jkompli jżid il-pressure fuq il-baġits nazzjonali. F'dawn iċ-ċirkustanzi straordinarji, huwa kompletament iġġustifikat li jintuża mekkaniżmu ta' finanzjament li jipprovdi spinta ta' nfiq sinifikanti u f'waqtha mingħajr ma jiżdiedu d-djun nazzjonali, bħala espressjoni ta' solidarjetà fi skala proporzjonata mal-kriżi.

Is-self se jibni fuq ir-rekord b'saħħtu tal-Unjoni tal-użu ta' strumenti bbażati fuq is-suq biex jiġu appoġġati l-investiment u r-riformi fl-Istati Membri. L-Unjoni se tissellef fuq il-bażi tas-

swieq finanzjarji b'kundizzjonijiet li jirriflettu l-klassifikazzjoni tal-kreditu għolja ħafna tagħha u tidderieġi dawn il-fondi malajr sa fejn ikunu l-aktar meħtieġa.

Għal dan il-għan, il-Kummissjoni se toħroġ bonds b'maturitajiet differenti fis-swieq kapitali, billi tagħmel l-aħjar użu mill-kapaċità ta' dawn is-swieq biex jassorbu tali bonds filwaqt li tiżgura l-inqas kost medju tas-self. Strateġija ta' finanzjament diversifikata bħal din tippermetti lill-Kummissjoni twettaq operazzjonijiet ta' self b'mod l-aktar adattat għall-iskala tal-operazzjonijiet u l-ambjent prevalenti tas-suq.

EUR 500 biljun mill-fondi allokatu permezz ta' Next Generation EU se jintużaw biex jiffinanzjaw il-komponent ta' għotja tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u jsaħħu l-programmi ewlenin oħra ta' kriżi u rkupru. Il-bqija tal-finanzjament mobilizzat permezz tal-istrument ta' EUR 250 biljun se jsir disponibbli għall-Istati Membri fil-forma ta' self permezz tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

Il-fondi miġbura se jitħallsu lura wara l-2027 u sa mhux aktar tard mill-2058. Dan se jgħin biex tittaffa l-pressjoni fuq il-baġits tal-Istati Membri fi żmien meta l-finanzi pubbliċi huma taħt pressjoni qawwija, filwaqt li jiġi żgurat li l-obbligi kollha li jirriżultaw minn dan il-ħruġ ta' dejn se jiġu onorati minn baġits futuri tal-UE. Biex tiffaċilita l-ħlas lura tal-finanzi tas-suq miġbura u tgħin aktar tnaqqas il-pressjoni fuq il-baġits nazzjonali, il-Kummissjoni se tipproponi riżorsi proprji ġodda addizzjonali fi stadju aktar tard tal-perjodu finanzjarju.

B'harsitha lejn il-futur: nirriformaw is-sistema tar-riżorsi proprji

Il-kuntest ekonomiku ġdid u l-ġestjoni sostenibbli tal-ħlas lura ta' fondi miġbura taħt Next Generation EU isaħħu l-każ għar-riforma fundamentali ta' kif jiġi ffinanzjat il-baġit tal-UE.

Il-Kummissjoni tibqa' tal-fehma li l-eliminazzjoni gradwali tat-tnaqqisiet kollha se jagħmel il-qafas finanzjarju pluriennali aktar ibbilanċjat. Madankollu, f'din is-sitwazzjoni, minħabba l-impatt ekonomiku tal-pandemija COVID-19, l-eliminazzjoni gradwali tat-tnaqqisiet ikun jinvolve żidiet sproporzjonati ta' kontribuzzjonijiet għal ċerti Stati Membri fl-2021-2027. Biex dan jiġi evitat, it-tnaqqisiet attwali jistgħu jitneħħew gradwalment fuq perjodu ta' żmien ħafna itwal minn dak previst mill-Kummissjoni fil-proposta tagħha fl-2018.

Riżorsi proprji ġodda jikkomplimentaw ir-riżorsi proprji tradizzjonali, riżorsa proprja bbażata fuq it-taxxa fuq il-valur miżjud u kontribuzzjonijiet nazzjonali, kif ukoll riżorsi proprji ġodda bbażati fuq l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik mhux riċiklat. Se jibnu fuq il-prijoritajiet u l-politiki tal-UE bil-għan li jindirizzaw it-tibdil fil-klima, iżda wkoll tassazzjoni ġusta f'dinja globalizzata.

Il-Kummissjoni hija impenjata li tagħti riżultati skont il-Patt Ekoloġiku. F'dan il-kuntest, ir-riżorsi proprji ekoloġiċi jistgħu jikkontribwixxu għall-isforz ta' rkupru, filwaqt li jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika tal-ekonomija u s-soċjetà Ewropea. L-għażliet jistgħu jinkludu riżorsa proprja bbażata fuq is-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet inkluża l-estensjoni possibbli tagħha għas-setturi marittimi u tal-avjazzjoni, u mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera.

Riżorsa proprja bbażata fuq is-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet kif diskussa fil-Kunsill Ewropew f'Frar 2020 tippermetti lill-Istati Membri jżommu l-istess ammont ta' dħul li rċevew mill-irkant tul perjodu reċenti. Kull dħul iġġenerat mis-Sistema Ewropea għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet li jaqbeż dan il-massimu jmur għall-baġit tal-UE. Riżorsi proprji bħal dawn jistgħu jiġġeneraw dħul għall-baġit tal-UE ta' madwar EUR 10 biljun, skont l-evoluzzjoni tal-prezz tal-karbonju u l-estensjoni tas-sistema għal setturi oħra.

Fl-istess ħin, se jkun importanti li jiġi żgurat li l-kumpaniji tal-UE jikkompetu ma' kumpaniji mhux tal-UE b'kundizzjonijiet ekwi. Mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju għall-fruntiera jgħin biex tiġi evitata r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, li jdgħajjef l-isforzi tal-UE lejn tranżizzjoni lejn soċjetà newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju. Mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera jista' jgħib dħul addizzjonali li jvarja minn madwar EUR 5 biljun sa EUR 14-il biljun, skont il-kamp ta' applikazzjoni u d-disinn.

Il-kumpaniji li jieħdu benefiċċji kbar mis-suq uniku tal-UE u li se jissopravvivu l-kriżi, anki bis-saħħa tal-appoġġ dirett u indirett tal-UE u dak nazzjonali, jistgħu jikkontribwixxu biex terġa' tinbena fil-fażi ta' rkupru. Dan jista' jinkludi riżorsa proprja bbażata fuq operazzjonijiet ta' intrapriżi li, skont id-disinn tiegħu, jistgħu jrendu madwar EUR 10 biljun fis-sena.

Taxxa diġitali tkun tibni fuq il-ħidma tal-OECD fuq it-tassazzjoni korporattiva ta' preżenza diġitali sinifikanti; il-Kummissjoni tappoġġa attivament id-diskussjonijiet immexxija mill-OECD u l-G20 u tinsab lesta biex taġixxi jekk ma jintlaħaq l-ebda ftehim globali. Taxxa diġitali applikata fuq kumpaniji b'fatturat ta' aktar minn EUR 750 miljun tista' tiġġenera sa EUR 1,3 biljun fis-sena għall-baġit tal-UE.

Dawn ir-riżorsi proprji ġodda jistgħu jgħinu biex jiffinanzjaw ir-ripagament u l-interess fuq il-finanzjament tas-suq miġbur taħt Next Generation EU. Jekk jiġi introdotti sal-2024, il-kontribuzzjonijiet nazzjonali tal-Istati Membri għall-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027 jistgħu jonqsu bħala sehem mill-ekonomija tagħhom meta mqabbla mal-pagamenti tagħhom fl-2020.

Il-flussi ta' dħul u ta' pagament kollha bbażati fuq Next Generation EU se jkunu addizzjonali għall-appropriazzjonijiet allokatati matul il-proċedura baġitarja annwali, u għaldaqstant mhux se jkollhom impatt fuq il-bilanċ baġitarju. Dawn il-flussi, inkluż l-imgħax imħallas, se jintwerew b'mod distint fil-baġit biex juru l-karattru temporanju u eċċezzjonali tagħhom u biex jipprovdu trasparenza shiħa⁹.

Barra minn hekk, l-impatt ekonomiku tal-pandemija tal-Coronavirus jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat biżżejjed spazju fiskali għall-Unjoni f'każijiet ta' xokkijiet ekonomiċi li jwasslu għal tnaqqis fl-introjt nazzjonali gross. Sabiex jiġi ppreservat marġni suffiċjenti skont il-limiti massimi tar-riżorsi proprji għall-Unjoni biex tkopri l-obbligi finanzjarji u l-obbligazzjonijiet kontinġenti tagħha li jkunu dovuti f'sena partikolari, anki taħt l-aktar żviluppi ekonomiċi negattivi, il-Kummissjoni tipproponi li żżid il-limiti massimi tar-riżorsi proprji fuq bażi permanenti għal 1,46 % tal-introjt nazzjonali gross tal-UE għall-impenji u għal 1,40 % għall-pagamenti.

4. Konklużjoni – it-triq lejn ftehim rapidu dwar baġit ambizzjuż għall-irkupru Ewropew

F'dan iż-żmien ta' tbatija u inċertezza straordinarja, l-Unjoni teħtieġ aktar minn qatt qabel li turi li hija lesta u disposta li taġixxi b'mod deċiżiv u tfassal triq lejn ġejjieni aħjar. Ftehim dwar **pjan ambizzjuż ta' rkupru bil-baġit tal-UE fil-qalba tiegħu se jagħti lill-Unjoni l-aħjar ċans ta' suċċess possibbli.**

⁹ Il-kostijiet tas-self għall-komponent ta' għotja ta' Next Generation EU se jitħallsu mill-baġit tal-UE. Huwa smat li dawn il-kostijiet se jammontaw għal EUR 17,4 biljun matul il-qafas finanzjarju 2021-2027.

Next Generation EU se jisfrutta l-potenzjal sħiħ tal-bagħit tal-UE biex jagħti spinta lill-ekonomija u jsaħħaħ is-sostenibbiltà, ir-reżiljenza u l-awtonomija strateġika tal-Ewropa. Jibni fuq l-esperjenza tal-Unjoni li tuża l-finanzjament tas-suq u jespandih biex jikseb l-iskala ta' appoġġ li hija meħtieġa b'mod urġenti fiċ-ċirkostanzi tal-lum.

Qafas finanzjarju pluriennali msaħħaħ għall-2021-2027 se jiggwida lill-Unjoni lura mill-kriżi lejn il-moġħdija tal-irkupru fit-tul, billi jipprovdi finanzjament essenzjali għal ħtiġijiet immedjati u għal investimenti fit-tul fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

Is-suċċess tal-pjan ta' rkupru se jiddependi mhux biss fuq l-iskala u l-ambizzjoni tagħha, iżda wkoll fuq il-ħeffa tal-azzjoni u l-abbiltà li tiġi aġġustata r-reazzjoni fid-dawl tal-iżviluppi. Hemm bżonn urġenti ta' appoġġ finanzjarju f'hafta partijiet tal-Unjoni biex in-negozji jibqgħu f'wiċċ l-ilma u jiġu appoġġati dawk li l-aktar għandhom bżonn. Fadal ukoll f'tit żmien biex jintlaħaq qbil dwar il-qafas fit-tul – iżda għadu mhux tard wisq. Ftehim rapidu se jippermetti li l-programmi msaħħa jiġu mnedija fil-ħin.

Il-Kummissjoni tikkondividi d-determinazzjoni tal-Parlament Ewropew li jiżgura li jkun hemm tranżizzjoni bla xkiel għall-qafas fit-tul il-ġdid. Madankollu, l-estensjoni tal-qafas attwali mhuwiex sostitut għal ftehim komprensiv dwar baġit fit-tul ġdid u modern. Dan huwa l-uniku mod biex l-Unjoni tiġi mġammra bil-programmi u l-ġhodod ġodda li se jkunu essenzjali biex jitwettaq il-pjan ta' rkupru. Għaldaqstant jenħtieġ li l-fokus sħiħ u indiviż tal-ħidma interistituzzjonali fil-ġimġhat li ġejjin ikun fuq il-finalizzazzjoni ta' Next Generation EU u l-qafas fit-tul il-ġdid.

Il-Kummissjoni Ewropea tistieden lill-Kunsill Ewropew u lill-koleġislaturi biex jeżaminaw malajr dawn il-proposti, bil-ħsieb li jintlaħaq qbil politiku fil-livell tal-Kunsill Ewropew sa Lulju.

Deċiżjoni bikrija dwar il-proposta biex jiġi emendat il-qafas attwali se tippermetti finanzjament addizzjonali li għandu jsir immedjatament disponibbli għal REACT-EU, l-Istrument ta' Appoġġ tas-Solvenza u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli, li jirrifletti l-urġenza ta' dawn il-ħtiġijiet.

Il-Kummissjoni imbagħad se taħdem mill-qrib mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill biex tiffinalizza ftehim dwar il-qafas futur fit-tul u l-programmi settorjali li jakkumpanjawha. It-tlestija ta' dan ix-xogħol fil-bidu tal-ħarifa tfisser li l-baġit il-ġdid fit-tul jista' jkun operattiv u jmexxi l-irkupru tal-Ewropa fl-1 ta' Jannar 2021.

Azzjoni issa se turi li l-Unjoni hija lesta li tagħmel dak kollu li hu meħtieġ biex l-ekonomija terġa' lura fi triqtha, biex tipproteġi l-ġhajxien tal-Ewropej kollha, u biex tinvesti fit-tranżizzjoni fit-tul tal-Ewropa għal futur aktar ġust, aktar ekoloġiku u diġitali.

	QPF 2021-2027 (Mejju 2020)	Li minnhom taħt Next Generation EU
QFP TOTALI	1,850.0	750.0
1. Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali	210.5	69.8
Orizzont Ewropa	94.4	13.5
Fond InvestEU, li minnu skont il-pjan ta' rkupru tal-Unjoni	31.6	30.3
<i>Ninvestu fl-irkupru ekonomiku tal-UE</i>	15.3	15.3
<i>Faċilità ta' Investiment Strateġiku</i>	15.0	15.0
Strument ta' Solvenza tal-UE skont il-FEIS	26.0	26.0
2. Koeżjoni u Valuri	984.5	610.0
Politika ta' Koeżjoni	373.2	50.0
Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (inkluż l-Appoġġ Te	560.8	560.0
<i>Li minnhom SELF</i>	250.0	250.0
<i>Li minnhom GHOTJIE</i>	310.0	310.0
3. Riżorsi Naturali u Ambjent	402.0	45.0
Politika Agrikola Komuni	348.3	15.0
<i>Li minnhom Pilastru II (Żvilupp Rurali)</i>	90.0	15.0
Fond ta' Tranżizzjoni Ġusta	40.0	30.0
4. Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri	31.1	
5. Reżiljenza, Sigurtà u Difiża	29.1	9.7
Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (rescEU)	3.1	2.0
Programm tas-saħħa	9.4	7.7
6. Viċinat u d-Dinja	118.2	15.5
Viċinat, Żvilupp u Kooperazzjoni Internazzjonali	86.0	10.5
Għajnuna Umanitarja	14.8	5.0
7. Amministrazzjoni Pubblika Ewropea	74.6	

QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI 2021-2027 (F'IMPENJI)

Prezzijiet attwali	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	2021-2027	Taħt Next Generation EU	TOTAL
1. Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali	21,805	22,219	22,546	22,362	22,677	23,280	23,540	158,429	75,965	234,394
1. Riċerka u Innovazzjoni	13,395	13,491	14,057	14,103	14,254	14,692	14,784	98,775	14,647	113,422
Orizzont Ewropa	12,265	12,510	12,760	13,015	13,276	13,541	13,812	91,178	14,647	105,825
Ohrain	0.3	0.3	0.3	0.3	0.3	0.3	0.3	2	-	2
2. Investimenti Strateġiċi Ewropej	5,044	5,294	4,987	4,684	4,779	4,873	4,972	34,633	61,318	95,951
Fond InvestEU	478	487	88	90	92	94	96	1,424	33,000	34,424
Faċilità Nikkollegaw I-Ewropa - Trasport	1,952	1,992	2,032	2,072	2,115	2,157	2,200	14,521	-	14,521
Faċilità Nikkollegaw I-Ewropa - Enerġija	785	800	817	834	850	867	885	5,838	-	5,838
Faċilità Nikkollegaw I-Ewropa - Diġitali	277	283	289	295	301	306	314	2,065	-	2,065
Programm Ewropa Diġitali	1,338	1,514	1,539	1,166	1,190	1,213	1,237	9,196	-	9,196
Ohrain	22	23	23	24	24	25	25	165	28,318	28,483
Aġenziji deċentralizzati	191	195	199	203	207	212	216	1,424	-	1,424
3. Suq Uniku	889	906	922	939	955	973	988	6,572	-	6,572
Programm tas-Suq Uniku (inkl. COSME)	575	584	592	601	610	620	626	4,208	-	4,208
Programm tal-UE Kontra l-Frodi	20	20	21	21	22	23	24	150	-	150
Kooperazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni (FISCALIS)	36	37	38	38	39	40	41	269	-	269
4. Spazju	2,034	2,074	2,118	2,163	2,207	2,252	2,298	15,145	-	15,145
Programm Spazjali Ewropej	1,997	2,037	2,080	2,125	2,167	2,211	2,255	14,873	-	14,873
Aġenziji deċentralizzati	36	37	37	38	40	41	43	272	-	272
Marġini	444	454	463	473	482	491	498	3,304	-	3,304
2. Koeżjoni u Valuri	51,730	54,195	56,797	60,207	63,067	66,589	70,519	423,104	656,179	1,079,283
5. Żvilupp Regionali u Koeżjoni	34,623	35,756	36,919	38,203	39,528	40,890	42,322	268,241	53,274	321,515
Fond Ewropej għall-Iżvilupp Regionali	28,743	29,661	30,601	31,639	32,710	33,810	34,970	222,133	-	222,133
Fond ta' Koeżjoni	5,854	6,069	6,291	6,536	6,790	7,052	7,323	45,914	-	45,914
<i>Li minnhom: kontribuzzjoni għall-Faċilità Nikkollegaw I-Ewropa - Tras-</i>	<i>1,439</i>	<i>1,492</i>	<i>1,546</i>	<i>1,607</i>	<i>1,669</i>	<i>1,733</i>	<i>1,800</i>	<i>11,286</i>	-	<i>11,286</i>
REACT EU	-	-	-	-	-	-	-	-	53,274	53,274
Appoġġ lill-Komunità Ċipriotta Torka	26	27	27	28	28	29	29	193	-	193
6. Inkorporazzjoni u Reżiljenza	349	919	1,683	2,981	3,667	4,952	6,549	21,099	602,905	624,004
Faċilità għall-Inkorporazzjoni u r-Reżiljenza (inkluż Strument għall-Appoġġ Tekniku)	116	119	121	123	126	128	130	864	602,905	603,769
Protezzjoni tal-Euro Kontra l-Falsifikazzjoni	0.8	0.9	0.9	0.9	0.9	0.9	0.9	6	-	6
Kostijiet ta' finanzjament Next Generation EU	220	787	1,549	2,845	3,528	4,810	6,405	20,144	-	20,144
Ohrain	11	12	12	12	12	13	13	84	-	84
7. Investiment fin-Nies, Koeżjoni Soċjali u Valuri	16,439	17,195	17,864	18,685	19,526	20,394	21,290	131,393	-	131,393
Fond Soċjali Ewropej+	12,655	13,042	13,440	13,870	14,313	14,770	15,241	97,332	-	97,332
Erasmus+	2,885	3,230	3,587	3,958	4,341	4,739	5,150	27,891	-	27,891
Korp Ewropej ta' Solidarjeta	136	138	141	144	147	150	153	1,009	-	1,009
Ewropa Kreattiva	306	313	308	213	217	221	224	1,702	-	1,702
Ġustizzja, Drittijiet u Valuri	108	109	109	109	109	109	108	761	-	761
Ohrain	149	151	152	153	155	156	157	1,073	-	1,073
Marġini	320	325	331	338	346	352	358	2,371	-	2,371
3. Riżorsi Naturali u Ambjent	58,656	56,590	56,939	57,115	57,236	57,481	57,732	401,749	49,286	451,035
8. Politika Agrikola u Marittima	56,163	54,047	54,289	54,399	54,449	54,614	54,779	382,741	16,483	399,224
Fond Agrikola Ewropej ta' Garanzija (FAEG)	40,933	41,162	41,435	41,578	41,720	41,865	42,010	290,702	-	290,702
Fond Ewropej għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd	831	1,066	1,031	995	899	917	931	6,671	-	6,671
Ohrain	133	135	138	141	144	147	149	987	-	987
Aġenziji deċentralizzati	17	17	18	18	18	19	19	126	-	126
9. Ambjent u Azzjoni Klimatika	2,264	2,309	2,412	2,470	2,538	2,613	2,694	17,300	32,803	50,103
Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE)	700	715	736	763	796	838	884	5,432	-	5,432
Fond ta' Tranżizzjoni Ġusta	1,516	1,546	1,577	1,609	1,641	1,674	1,707	11,270	32,803	44,073
Ohrain	-	-	50	50	50	50	50	250	-	250
Aġenziji deċentralizzati	47	47	48	49	51	52	53	347	-	347
Marġini	230	234	238	245	250	254	259	1,709	-	1,709
4. Migrazzjoni u Għestjoni tal-Fruntieri	3,287	4,061	4,837	5,117	5,873	5,964	6,153	35,292	-	35,292
10. Migrazzjoni	1,246	1,561	1,841	1,949	2,313	2,341	2,460	13,711	-	13,711
Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni	1,103	1,389	1,666	1,771	2,131	2,155	2,271	12,487	-	12,487
Aġenziji deċentralizzati	142	171	175	178	182	186	189	1,223	-	1,223
11. Għestjoni tal-Fruntieri	1,837	2,290	2,782	2,948	3,335	3,393	3,457	20,041	-	20,041
Fond għall-Għestjoni Integrata tal-Fruntieri	1,025	1,280	1,784	1,884	2,181	2,160	2,177	12,490	-	12,490
Aġenziji deċentralizzati	812	1,011	998	1,064	1,154	1,233	1,280	7,551	-	7,551
Marġini	205	210	214	220	225	230	236	1,540	-	1,540
5. Reżiljenza, Sigurtà u Difiża	2,359	2,474	2,575	2,719	3,597	3,949	4,385	22,058	10,639	32,697
12. Sigurtà	592	664	724	749	802	829	816	5,175	-	5,175
Fond għas-Sigurtà Interna	228	295	367	377	417	431	394	2,509	-	2,509
Dekummissjonar Nukleari (il-Litwanja)	73	71	78	84	84	80	82	552	-	552
Sikurezza Nukleari u dekkummissjonar (inkl. ir-Repubblika tal-Bulga)	91	93	70	76	85	97	114	626	-	626
Aġenziji deċentralizzati	200	204	208	212	217	221	225	1,488	-	1,488
13. Difiża	1,275	1,279	1,284	1,359	1,573	1,788	2,213	10,771	-	10,771
Fond għad-Difiża Ewropea	1,047	1,047	1,047	1,118	1,327	1,537	1,957	9,080	-	9,080
Mobbiltà militari	227	232	237	241	246	251	256	1,691	-	1,691
14. Reżiljenza u Rispons għall-Kriżijiet	339	373	407	448	1,055	1,163	1,185	4,971	10,639	15,609
Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (rescEU)	90	95	102	107	283	293	299	1,268	2,188	3,456
Programm tas-saħħa	21	32	55	90	517	609	621	1,947	8,451	10,398
Aġenziji deċentralizzati	228	246	250	251	256	260	265	1,756	-	1,756
Ohrain	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.
Marġini	154	157	160	163	166	170	171	1,141	-	1,141
6. Viċinat u d-Dinja	16,179	16,292	16,404	16,516	16,623	16,732	16,894	115,640	16,917	132,557
15. Azzjoni Esterna	14,127	14,199	14,269	14,337	14,402	14,465	14,583	100,383	16,917	117,300
Strument ta' Viċinat, Żvilupp u Kooperazzjoni Internazzjonali	12,067	12,093	12,116	12,136	12,153	12,166	12,231	84,963	11,449	96,412
Għajnunha Umanitarja	1,478	1,509	1,539	1,571	1,602	1,634	1,667	11,000	5,468	16,468
Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK)	352	362	372	382	393	404	415	2,679	-	2,679
Pajjiżi u Territorji Extra-Ewropej (inkluzja Greenland)	67	69	70	71	73	74	75	500	-	500
Ohrain	163	167	172	176	181	187	195	1,242	-	1,242
Aġenziji deċentralizzati	-	-	-	-	-	-	-	-	-	-
16. Assistenza ta' qabel l-adeżjoni	1,949	1,989	2,029	2,070	2,111	2,154	2,198	14,500	-	14,500
Assistenza ta' qabel l-adeżjoni	1,949	1,989	2,029	2,070	2,111	2,154	2,198	14,500	-	14,500
Marġini	103	104	106	109	110	113	113	757	-	757
7. Amministrazzjoni Pubblika Ewropea	10,875	11,232	11,662	12,074	12,368	12,781	13,172	84,164	-	84,164
Skejjel u Pensjonijiet Ewropej	2,408	2,518	2,632	2,749	2,881	3,010	3,137	19,335	-	19,335
Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet	8,466	8,714	9,029	9,325	9,487	9,770	10,034	64,825	-	64,825
TOTAL	164,891	167,063	171,760	176,110	181,441	186,776	192,395	1,240,436	808,986	2,049,422
Li minnhom:										
Koeżjoni (FEŻR, FK, FSE, REACT EU)	47,149	48,667	50,226	51,937	53,702	55,518	57,418	364,618	53,274	417,892
Politika Agrikola Komuni	55,182	52,829	53,102	53,245	53,387	53,532	53,680	374,957	16,483	391,440

QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI 2021-2027 (F'IMPENJI)

prezzijiet tal-2018	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	2021-2027	Taħt Next Generation EU	TOTAL
1. Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali	20,547	20,526	20,420	19,856	19,741	19,869	19,697	140,656	69,800	210,456
1. Riċerka u Innovazzjoni	12,622	12,464	12,732	12,523	12,409	12,539	12,371	87,659	13,500	101,159
Orizzont Ewropa	11,557	11,557	11,557	11,557	11,557	11,557	11,557	80,900	13,500	94,400
Oħrajn	0.3	0.3	0.3	0.3	0.3	0.3	0.3	2	-	2
2. Investimenti Strateġiċi Ewropej	4,753	4,891	4,517	4,159	4,161	4,159	4,160	30,800	56,300	87,100
Fond InvestEU	450	450	80	80	80	80	80	1,300	30,300	31,600
Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa - Trasport	1,840	1,840	1,840	1,840	1,842	1,841	1,841	12,884	-	12,884
Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa - Enerġija	740	740	740	740	740	740	740	5,180	-	5,180
Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa - Diġitali	261	261	262	262	262	261	263	1,832	-	1,832
Programm Ewropa Diġitali	1,261	1,398	1,394	1,036	1,036	1,035	1,035	8,194	-	8,194
Oħrajn	21	21	21	21	21	21	21	146	26,000	26,146
Aġenziji deċentralizzati	180	181	181	181	181	181	181	1,263	-	1,263
3. Suq Uniku	838	837	835	834	832	830	826	5,832	-	5,832
Programm tas-Suq Uniku (inkl. COSME)	542	539	536	534	531	529	524	3,735	-	3,735
Programm tal-UE Kontra l-Frodi	19	19	19	19	19	19	20	133	-	133
Kooperazzjoni fil-qasam tal-tassazzjoni (FISCALIS)	34	34	34	34	34	34	34	239	-	239
4. Spazju	1,916	1,916	1,918	1,921	1,921	1,922	1,923	13,437	-	13,437
Programm Spazjali Ewropej	1,882	1,882	1,884	1,887	1,887	1,887	1,887	13,196	-	13,196
Aġenziji deċentralizzati	34	34	34	34	34	35	36	241	-	241
Marġini	418	418	419	419	419	419	416	2,928	-	2,928
2. Koeżjoni u Valuri	48,746	50,067	51,442	53,462	54,903	56,833	59,007	374,460	610,000	984,460
5. Żvilupp Regionali u Koeżjoni	32,626	33,033	33,439	33,923	34,411	34,899	35,413	237,745	50,000	287,745
Fond Ewropej għall-Iżvilupp Regionali	27,085	27,402	27,717	28,095	28,476	28,856	29,261	196,892	-	196,892
Fond ta' Koeżjoni	5,516	5,607	5,698	5,804	5,911	6,019	6,128	40,682	-	40,682
Li minnhom kontribuzzjoni għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa - Tras	1,356	1,378	1,401	1,427	1,453	1,479	1,506	10,000	-	10,000
REACT EU	-	-	-	-	-	-	-	-	50,000	50,000
Appoġġ lill-Komunità Ċiprijotta Torka	24	24	24	24	24	24	24	171	-	171
6. Irkupru u Reżiljenza	329	849	1,524	2,647	3,192	4,227	5,480	18,247	560,000	578,247
Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (inkluż Strument għall-Appoġġ Tekniku)	110	110	110	110	110	110	109	767	560,000	560,767
Protezzjoni tal-Euro Kontra l-Falsifikazzjoni	0.8	0.8	0.8	0.8	0.8	0.8	0.8	5	-	5
Kostitjiet ta' finanzjament Next Generation EU	207	727	1,403	2,526	3,071	4,106	5,359	17,400	-	17,400
Oħrajn	11	11	11	11	11	11	11	75	-	75
7. Investiment fin-Nies, Koeżjoni Soċjali u Valuri	15,491	15,886	16,180	16,591	16,998	17,406	17,815	116,367	-	116,367
Fond Soċjali Ewropej+	11,925	12,049	12,173	12,317	12,461	12,606	12,753	86,284	-	86,284
Erasmus+	2,719	2,984	3,249	3,514	3,779	4,045	4,310	24,600	-	24,600
Korp Ewropej ta' Solidarjetà	128	128	128	128	128	128	128	895	-	895
Ewropa Kreattiva	289	289	189	189	189	189	188	1,520	-	1,520
Ġustizzja, Drittijiet u Valuri	102	100	99	97	95	93	91	677	-	677
Oħrajn	141	139	138	136	135	133	131	953	-	953
Marġini	301	300	299	300	301	301	299	2,101	-	2,101
3. Riżorsi Naturali u Ambjent	55,272	52,280	51,571	50,716	49,827	49,059	48,307	357,032	45,000	402,032
8. Politika Agrikola u Marittima	52,923	49,931	49,172	48,305	47,401	46,613	45,837	340,182	15,000	355,182
Fond Agrikolu Ewropej ta' Garanzija (FAEG)	38,572	38,027	37,529	36,920	36,320	35,731	35,152	258,251	-	258,251
Fond Ewropej għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd	783	985	934	884	783	783	779	5,930	-	5,930
Oħrajn	125	125	125	125	125	125	125	876	-	876
Aġenziji deċentralizzati	16	16	16	16	16	16	16	112	-	112
9. Ambjent u Azzjoni Klimatika	2,133	2,133	2,184	2,194	2,209	2,230	2,254	15,338	30,000	45,338
Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE)	660	661	667	677	693	715	740	4,812	-	4,812
Fond ta' Tranżizzjoni Ġusta	1,429	1,429	1,429	1,429	1,429	1,429	1,429	10,000	30,000	40,000
Oħrajn	-	-	45	44	44	43	42	218	-	218
Aġenziji deċentralizzati	45	44	44	43	44	44	44	308	-	308
Marġini	216	215	215	217	217	216	216	1,512	-	1,512
4. Migrazzjoni u Għestjoni tal-Fruntieri	3,097	3,751	4,381	4,543	5,112	5,090	5,148	31,122	-	31,122
10. Migrazzjoni	1,174	1,442	1,668	1,731	2,013	1,998	2,059	12,084	-	12,084
Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni	1,040	1,284	1,509	1,572	1,855	1,840	1,900	11,000	-	11,000
Aġenziji deċentralizzati	134	158	158	158	158	158	158	1,084	-	1,084
11. Għestjoni tal-Fruntieri	1,731	2,116	2,519	2,617	2,903	2,896	2,893	17,675	-	17,675
Fond għall-Għestjoni Integrata tal-Fruntieri	966	1,182	1,615	1,673	1,899	1,843	1,822	11,000	-	11,000
Aġenziji deċentralizzati	765	934	904	945	1,004	1,053	1,071	6,675	-	6,675
Marġini	193	193	194	195	195	196	197	1,363	-	1,363
5. Reżiljenza, Sigurtà u Difiża	2,222	2,285	2,332	2,414	3,131	3,370	3,669	19,423	9,700	29,123
12. Sigurtà	557	613	656	665	698	707	683	4,580	-	4,580
Fond għas-Sigurtà Interna	215	273	333	334	363	367	330	2,215	-	2,215
Dekummissjonar Nukleari (il-Litwanja)	68	66	71	74	73	68	69	490	-	490
Sikurezza Nukleari u dekummissjonar (inkl. ir-Repubblika tal-Bulga)	85	86	64	68	74	83	95	555	-	555
Aġenziji deċentralizzati	189	189	189	189	189	189	188	1,320	-	1,320
13. Difiża	1,201	1,182	1,163	1,207	1,370	1,526	1,852	9,500	-	9,500
Fond għad-Difiża Ewropea	987	968	949	992	1,155	1,311	1,637	8,000	-	8,000
Mobbiltà militari	214	214	214	214	214	214	214	1,500	-	1,500
14. Reżiljenza u Rispons għall-Kriżijiet	319	345	369	398	919	992	992	4,334	9,700	14,034
Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (rescEU)	85	88	92	95	246	250	250	1,106	2,000	3,106
Programm tas-saħħa	20	30	50	80	450	520	520	1,670	7,700	9,370
Aġenziji deċentralizzati	214	227	227	223	223	222	222	1,558	-	1,558
Oħrajn	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.
Marġini	144	145	144	145	145	145	143	1,010	-	1,010
6. Viċinat u d-Dinja	15,245	15,051	14,857	14,665	14,471	14,280	14,136	102,705	15,500	118,205
15. Azzjoni Esterna	13,313	13,118	12,924	12,731	12,538	12,346	12,202	89,172	15,500	104,672
Strument ta' Viċinat, Żvilupp u Kooperazzjoni Internazzjonali	11,371	11,172	10,974	10,777	10,580	10,384	10,234	75,492	10,500	85,992
Għajnuna Umanitarja	1,393	1,394	1,394	1,395	1,395	1,395	1,395	9,760	5,000	14,760
Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK)	332	334	337	339	342	344	347	2,375	-	2,375
Pajjiżi u Territorji Extra-Ewropej (inkluża Greenland)	63	63	63	63	63	63	63	444	-	444
Oħrajn	154	154	156	157	158	160	163	1,101	-	1,101
Aġenziji deċentralizzati	-	-	-	-	-	-	-	-	-	-
16. Assistenza ta' qabel l-adeżjoni	1,837	1,838	1,838	1,838	1,838	1,838	1,839	12,865	-	12,865
Assistenza ta' qabel l-adeżjoni	1,837	1,838	1,838	1,838	1,838	1,838	1,839	12,865	-	12,865
Marġini	96	95	95	96	96	96	94	668	-	668
7. Amministrazzjoni Pubblika Ewropea	10,247	10,376	10,562	10,721	10,767	10,908	11,021	74,602	-	74,602
Skejjel u Pensjonijiet Ewropej	2,269	2,326	2,384	2,441	2,508	2,569	2,625	17,122	-	17,122
Netfqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet	7,978	8,050	8,178	8,280	8,259	8,339	8,396	57,480	-	57,480
TOTAL	155,376	154,336	155,565	156,377	157,952	159,409	160,985	1,100,000	750,000	1,850,000
Li minnhom:										
Koeżjoni (FEŻR, FK, FSE, REACT EU)	44,430	44,961	45,491	46,119	46,751	47,384	48,045	323,181	50,000	373,181
Politika Agrikola Komuni	51,999	48,806	48,096	47,280	46,477	45,689	44,917	333,264	15,000	348,264